MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 300/2000/1

**Accent Clear Traders Company Limited**

**vs**

**Cole Foods Limited, u Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 16 ta' Frar 2000 fejn esponiet: -

Illi b'citazzjoni fl-ismijiet "Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" (Citazzjoni numru 2029/95 FGC), ipprezentata fis-27 ta' Novembru 1995, is-socjeta` konvenuta Cole Foods Limited talbet illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi x-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici Accent Clear Traders Company Limited fuq inkarigu tas-socjeta` Cole Foods Limited ma sarx skont l-

arti u s-sengha u ma kienx tal-kwalita` pattwita u konsegwentement l-istess socjeta' Cole Foods Limited talbet il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni konsegwenzjali sofferti minnha minhabba dan ix-xoghol hazin;

Illi b'sentenza tal-4 ta' Gunju 1999, din l-Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tar-'res giudicata' u cahdet it-talbiet attrici f'dik l-istanza bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' Cole Foods Limited, konvenuta f'din il-kawza;

Illi l-valuri, ghall-fini tat-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji dovuti mis-socjeta` konvenuta Cole Foods Limited, m'humiex determinabbli mit-talbiet elenkati fl-att tac-citazzjoni numru 2029/95 FGC fl-ismijiet hawn fuq premessi;

Illi *nonostante* interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u determinazzjoni tal-valur imsemmi, is-socjeta` konvenuta Cole Foods Limited baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi ghalhekk jenhtieg illi dawn il-valuri jigu determinati mill-Qorti sabiex il-konvenut Registratur tal-Qrati ikun jista' jillikwida u jintaxxa l-ispejjez gudizzjarji dovuti fir-rigward tal-kawza hawn fuq citata;

Ghaldaqstant, ighidu l-konvenuti 'l ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tillikwida u tiddetermina l-valuri relattivi ghall-fini tat-taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji konnessi mal-kawza fl-ismijiet "Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" (citazzjoni numru 2029/95 FGC) deciza fl-4 ta' Gunju 1999;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex abbazi tal-valuri hekk determinati jintaxxa u jillikwida l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji dovuti in konnessjoni mal-imsemmija kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-5 ta' April 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Cole Foods Limited datata 17 ta' Marzu 2000 (fol 10) fejn esponiet illi: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-kawza fl-ismijiet "Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" (Citazzjoni numru 2029/95FGC) giet deciza fuq punt ta' ligi u konsegwentement l-valuri ma gewx likwidati u ma humiex determinabbli ghall-finijiet ta' taxxaja' drittijiet u spejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tar-Registratur tal-Qrati (fol 13) datata 21 ta' Marzu 2000 fejn esponiet illi: -

1. Kwantu diretta kontra taghha, l-eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici u ghalhekk hija ghandha tinheles mill-harsien tal-gudizzju peress illi, skont l-istess talba attrici, il-pendenza dwar likwidazzjoni u determinazzjoni hija kwistjoni bejn l-attur u l-konvenut l-iehor *Cool Foods Limited;*

2. Illi t-talba ghal ordni lill-eccipjenti sabiex hija tintaxxa u tillikwida l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji mhix necessarja peress li tirrizulta mil-ligi u illi l-eccipjenti hija regolata li hekk taghmel mill-istess ligi *si et quatenus.*

3. Illi l-eccipjenti tirrmetti ruhha ghall-eventwali gudizzju ta' din il-qorti u hija ma ghandhiex tbati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Ottubru 2000 fejn Dr. Norval Desira ghall-attur talab li jigu allegati l-atti

tal-kawza citazzjoni numru 2029/95FGC deciza fl-4 ta' Gunju 1999, inkluz kopja tas-sentenza, kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3253/95 mahrug fis-27 ta' Novembru 1995. Il-Qorti ordnat li jigu allegati l-imsemmija atti ossia kopja taghhom; u l-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2011 (fol 20) fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur ghat-3 ta' Ottubru 2001.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 3 ta' Ottubru 2001 a fol 23 tal-process fejn: ***"Il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Qorti billi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici."***

Rat ir-rikors tas-socjeta` Accent Clear Traders Company Limited datat 22 ta' Marzu 2005 (fol 58) fejn talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha *ai termini* tal-artikolu 792 *et sequitur* tal-Kap 12 tordna illi r-rikors ipprezentat kontestwalment fl-ismijiet Accent Clear Traders Company Limited vs Registratur tal-Qrati u Cole Foods Limited ghal kull interess li jista' jkollha, tigi mibghuta quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta, sabiex l-istess rikors (li ghadu mhux appuntat) u l-kawza odjerna bin-numru 300/00JRM jigu mismughin u trattati flimkien; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba kif jidher bid-digriet taghha moghti fl-4 ta' April 2005 (fol 60).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta' April 2006 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2006.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Marzu 2013 ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Qabel xejn tirrileva li din il-kawza qed tinstema’ u tigi trattata kontestwalment mal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet *Accent Clear Traders Company Limited vs Registratur tal-Qrati u Cole Foods Limited ghal kull interess li jista' ikollha (Rik. 289/05 LSO)* .

Il-proceduri odjerni huma konsegwenza ta' proceduri ohrajn istiwiti mis-socjeta` konvenuta kontra s-socjeta` attrici li permezz taghhom il-Qorti kienet mitluba tiddikjara lis-socjeta` Accent Traders responsabbli ghad-danni minhabba inadempjenza kuntrattwali u li tigi kkundannata thallas dak l-ammont li jigi likwidat *in linea* ta' danni. Gara pero` li l-proceduri imsemmija qatt ma waslu ghall-istadju ta' likwidazzjoni tad-danni peress li bis-sentenza tal-4 ta' Gunju 1999, il-kwistjoni giet determinata fuq punt legali billi l-Qorti irriteniet li bejn il-kontendenti kien hemm gja decizjoni f'sentenza precedenti li ostakolat il-prosegwiment tal-imsemmija proceduri u b'hekk laqghat l-eccezzjoni hemm sollevata ta' *res judicata.*

Is-socjeta` attrici odjerna qed tinsisti li l-ispejjez tal-kawza jigu ntaxxati fuq il-mertu proprju u cioe` d-danni li kienu qed jigu reklamati u mhux semplicement fuq l-eccezzjoni ta' natura legali li effettivament iddeterminat il-mertu ta' bejn il-kontendenti. Billi dawn id-danni qatt ma gew likwidati ir-Registratur tal-Qrati ma seta' qatt jasal biex jintaxxa l-kawza msemmija *ad valorem*. Kien ghalhekk li gew istitwiti dawn il-proceduri intizi sabiex jigi determinat fir-realta` l-valur proprju tal-kawza deciza fl-4 ta' Gunju 1999, u konsegwentement tinhareg taxxa tad-drittijiet u spejjez  a bazi taghha. Is-socjeta` attrici ghamlet riferenza ghall-Mandat ta' Sekwestru mahrug mis-socjeta` konvenuta kontestwalment mal-prezentata tal-kawza bin-numru 2029/95 FGC, li ghaliha hemm riferenza fl-atti tac-citazzjoni, fejn illikwidat il-pretensjoni taghha fl-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala punt ta' riferenza *ai fini* tal-likwidazzjoni tal-valur tal-kawza stess.

Izda gara wkoll li fil-mori tal-proceduri s-socjeta` konvenuta esebiet taxxa legali dwar il-kawza *deciza* li giet mahruga mir-Registratur tal-Qrati fit-22 ta' April 2002, cioe` waqt din il-kawza kienet pendenti, fejn id-dritt tal-Avukat hu intaxxat fl-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) u dak tal-Qorti fl-ammont ta' seba' liri Maltin (Lm7).

Is-socjeta` attrici ghalhekk istitwiet proceduri ohra li huma surriferiti u pendenti wkoll quddiem din il-Qorti ghat-thassir u ghar-revoka tat-taxxa imsemmija fejn qed issostni li din inharget irregolarment u nhadmet fuq kriterji arbitrarji. F'dik il-kawza giet sollevata *inter alia* l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li ser tigi trattata f'sentenza moghtija llum stess.

**Provi prodotti**

Tressqu xhieda in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati biex jispjegaw fuq liema bazi inharget taxxa rigwardanti l-kawza *Cole Foods Ltd vs Accent Clear Traders Co. Ltd Citazzjoni Nru: 2029/95 FGC,* deciza fl-4 ta' Gunju 1999, u liema taxxa nharget fil-mori tal-kawza odjerna izda mhux fil-kawza msemmija.

**Albert Portelli**[1] ghar-Registratur tal-Qrati, spjega illi fir-rigward il-kriterji li fuqhom saret it-tassazzjoni tal-kawza *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Co. Ltd Citazz. Nru: 2029/95, deciza fl-4 ta' Gunju 1999* dan kien hemm tliet talbiet fiha liema talbiet gew kollha michuda fis-sentenza bil-konsegwenza illi valur ma sarx u dlonk peress illi t-talbiet gew kollha michuda u ma kienx hemm valur din tigi ntaxxata bhala dikjarazzjoni.

Huwa kompla jispjega illi d-dritt tal-avukat kien ta' tletin lira waqt illi l-likwidazzjoni danni kienet ghaxar liri.

Meta mistoqsi fir-rigward il-mandat ta' sekwestru li kien gie pprezentat mill-kontro-parti b'valur definit ta' hamest elef lira, u li huma kienu talbu illi t-taxxa tohrog fuq dak il-valur huwa rrisponda illi t-taxxa ma kenitx saret minnu, u

[1] Seduta tat-8 ta' Marzu 2004

qal illi qatt ma kien involut fil-hrug ta’ din it-taxxa partikolari izda qal li aktarx kienet saret mid-deputat tal-Imhallef Frank Camilleri.

**Ikkonsidrat** li fil-mori ta' din il-kawza intalab l-intaxxar tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji tal-kawza *Cole Foods Ltd vs Accent Clear Traders Co. Ltd  Citazzjoni Nru: 2029/95 FGC,* deciza fl-4 ta’ Gunju 1999 minnkejja li bejn il-partijiet kien hemm pendenti l-kawza odjerna sabiex jigi likwidat valur *ai fini* ta' tassazzjoni. Din it-taxxa inharget fit-22 ta' April 2002.

**Ikkonsidrat** li l-istess socjeta` attrici ipprocediet biex timpunja t-taxxa mahduma mir-Registratur tal-Qorti b'rikors *ai termini* tal-artikolu 64 tal-Kap.12, f'liema proceduri s-socjeta` konvenuta odjerna eccepiet *inter alia* l-preskrizzjoni tal-azzjoni.

**Ikkonsidrat** *inoltre* li f'kaz li din l-eccezzjoni tigi milqugha, it-taxxa ssir finali u jkollha l-effett ta' titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u t-talbiet dedotti f'din il-kawza ma jibqghux iktar legalment sostenibbli.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, *in visto* tas-sentenza moghtija llum fil-kawza *Accent Clear Traders Company Limited vs Registratur tal-Qrati et (Citazz Numru 289/05 LSO)* din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tichad** it-talbiet tas-socjeta` attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` Accent Clear Traders Co. Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------